IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru50 (ħamsin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju, 2022, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| Skuzati | |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il-Kunsillier | Anthony Valvo |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**50.1. Item Nru 50.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

50.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.30pm u inqraw l-ittri ta' apologija tas-Sa. Rosabelle Pulis li tinsab ma tiflaħx u tas-Sur Valvo li ma kienx ser ilaħħaq.

**50.2. Item Nru. 50.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

50.2.1 Il-Minuti ġew moqrija u ġew approvati unanimament.

**50.3 Item Nru. 50.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

50.3.1 Is-Sindku qal li t-tender tal-bandli lest jinsab online.

50.3.2 Is-Sindku qal li l-concession qed jgħinuna l-AKL sabiex tkun tista toħrog pubblika fil-ġimgħat li ġejjin.

50.3.3. Is-Sur Attard qal li tkellimna mar-residenti ta' Triq l-Awrat u dawn ippreżentajnilhom il-pjanti l-ġodda tal-proġett tal-boċċi. Il-Pjanti intoġbu u jidher li la mhux ser ikun hemm bar dawn ir-residenti ser ikunu kuntenti. F'din il-laqgħa sar suġġeriment u intlaqa' tajjeb ma' kulħadd li l-pitch tal-boċċi jiġi imsaqqaf u fuqu jsir post ta' rikreazzjoni/ ġnien u jkun immirat speċjalment għal persuni bl-Awtiżmu *multisensory garden*.

Għalhekk il-Kunsill ser ikellem lil Perit sabiex naraw hux possibbli li jsir dan kif għadna fl-istadju ta' pjanar.

50.3.4 Is-Sindku qal li bħalissa qiegħed idur it-tabelli li hemm ħziena u *barriers* u *road humps* ħżiena sabiex jinbidlu.

50.3.5 Is-Sur Attard qal li għandna proposta sabiex il-Kunsill nirriklamawh ukoll mal-MG Group sabiex ikun aktar facilment aċċessibbli f'direttorju li qiegħed isir popolari. In-nefqa hija ta' €130 għal sena. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

50.3.6 Is-Sindku tkellem fuq iz-zebra crossing ta' Dawret ix-Xatt u qal li din ser issir pero TM tawna l-post eżatt fejn għandha ssir u dawn qalulna propju għal quddiem il-Joe Joe's Bar. Ir-residenti xtaquha quddiem Triq Frans Minuti pero mhux possibbli minħabba sigurta.

50.3.7 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-proġett ta' Ġostra ser isir u ser ikollna finanzjament ta' €5,200 mid-Dipartiment. Għalhekk huwa qal li din ser issir nhar l-20 ta' Awwissu.

**50.4 Item Nru 50.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

50.4.1 Is-Sa. Doris Borg qalet li ż-żabra saret tajjeb ta' Triq l-Iskola u tirringrazzja l-ħaddiema.

50.4.2 Is-Sur Camilleri qal li għandu ilment dwar bozza fuq 61, Triq il-Fortizza tal-Grazzja.

**50.5 Item Nru. 50.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

50.5.1 Ma kienx hemm rapporti ppreżentati.

**50.6 Item Nru. 50.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

IX-XGHAJRA

50.6.1 Xogħol ieħor ġie diskuss aktar kmieni.

**50.7 Item Nru. 50.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

50.7.1 Pagamenti b'numru 114 ġew approvati unanimament.

**50.8 Item Nru. 50.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

50.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**50.9 Item Nru. 50.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

50.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15pm

Aġġornament għal-nhar il-Erbgħa 24 t' Awwissu, 2022

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Ezekuttiv. | Sindku. |